MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GINO CAMILLERI

Seduta tas-17 ta' Novembru, 2006

Citazzjoni Numru. 1004/1991/1

**Victor Camilleri u Nathalie Pace ghan-nom u in rappresentanza ta' Natvic Lifts and Services Limited**

**vs**

**Joseph Musact, Marco Muscat u Paul Muscat**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn l-atturi nomine fejn gie premess :-

Illi l-konvenut Joseph Muscat ghandu jaghti lill-atturi nomine is-somma ta' (Lm750) seba mija u hamsin lira bhala bilanc ta' prezz ta' materjal ta' lift mibjugh lill-konvenut Joseph Muscat u ghal liema obbligu il-konvenuti

l-ohra kienu hargu cheque datat is-17 ta’ Marzu 1991 ghall-ammont ta’ (Lm450) erba mija u hamsin lira bhala pagament akkont li baqa ma ssarrafx minghajr raguni valida wara li kienu ghamlu stop-payment (Dok A); u

Illi bil-hrug ta’ dan ic-cheque, il-konvenuti Marco u Paul Muscat obbligaw ruhhom fil-konfront tal-atturi nomine ghall-hlas tas-somma ta’ Lm450 fuq imsemmija;

Illi minkejja li interpellati sabiex ihallsu, il-konvenuti baqghu inadempjenti;

Ghalhekk l-atturi nomine talbu li l-konvenuti jghidu ghaliex din il-Qorti, m’ghandiex:-

(1) Tikkundanna lill-konvenut Joseph Muscat sabiex ihallas lill-atturi noe s-somma ta’ Lm750 bhala prezz ta’ materjal ta’ lift mibjugh lilu;

(2) Tiddikjara lill-konvenuti Marco u Paul Muscat responsabbli insolidum ghall-obbligu kuntrattwali tal-konvenut l-iehor ghall-ammont ta’ Lm450 import tac-cheque fuq imsemmi li huma hargu u li pero’ ma ssarafx u tikkundannhom biex ihallsu din l-istess somma lill-atturi noe kollox kif intqal fuq ghar-ragunijiet premessi;

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-2 ta’ Awissu 1991 u tal-mandat ta’ sekwestru 2633/91 u tal-mandat ta’ qbid numru 2634/91 kontra l-konvenuti li gew ngunti ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni tal-atturi nomine debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghhom;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut Paul Muscat fejn gie ecepit :-

Illi l-ecipjenti mhuwiex responsabbli versu s-socjeta’ attrici ghall-obbligu kuntrattwali tal-konvenut Joseph Muscat ghall-hlas ta’ l-ammont ta’ Lm450. L-ecipjent la xtara, la ggarantixxa l-obbligi ta’ Joseph Muscat versu s-socjeta’ attrici u wisq anqas assuma l-istess obbligi;

Illi subordinatament u minghajr pregudizzju t-talbiet tas-socjeta’ attrici kif proposti mhumiex sostenibbli u ghandhom jigu respinti ghaliex jekk jigu milqugha jkun ifisser illi s-socjeta’ attrici jkollha dritt tesigi l-hlas ta’ Lm750 minghand il-konvenut Joseph Muscat u l-hlas ta’ Lm450 minghand iz-zewg konvenuti l-ohra; l-azzjoni korretta (dejjem jekk is-socjeta’ attrici ghandha ragun) kellha tkun li titlob it-tlett konvenuti ihallsuha solidalment is-somma ta’ Lm450 u titlob li l-konvenut l-iehor Joseph Muscat jigi kkundannat ihallasha l-bilanc ta’ Lm400;.
Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut Paul Muscat debitament konfermatabil-gurament u l-lista tax-xhieda tieghu;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut Joseph Muscat fejn gie eccepit :-
Illi t-talbiet tas-socjeta’ attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante l-fatt illi mhux l-oggetti kollha li l-ecipjenti xtara minghand is-socjeta’ attrici gew ikkonsenjati u x’uhud mill-oggetti li gew ikkonsenjati mhumiex tal-kwalita’ pattwita;

Illi subordinatament u minghajr pregudizzju t-talbiet tas-socjeta’ attrici kif proposti mhumiex sostenibbli u ghandhom jigu responti ghaliex jekk jigu milqugha jkun ifisser illi s-socjeta’ attrici jkollha dritt tesigi l-hlas ta’ Lm750 minghand l-ecipjent u l-hlas ta’ Lm450 minghand iz-zewg konvenuti l-ohra u cioe’ total ta’ Lm1200 meta ex admissis il-pretensjoni taghha hi ta’ Lm750 l-azzjoni korretta (dejjem jekk is-socjeta’ attrici ghandha raguni) kellha tkun li titlob li t-tlett konvenut ihallsuha solidalment is-somma ta’ Lm450 u titlob li l-ecipjenti jigi kkundannat ihallasha l-bilanc ta’ Lm300;

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut Joseph Muscat debitament konfermata bil-gurament u l-liusta tax-xhieda tieghu;

Rat il-kontro-talba tal-konvenut Joseph Muscat fejn gie premess :-

Illi l-ecipjenti xtara minghand is-socjeta' attrici materjal ghal "one passenger lift knocked down" bil-prezz globali ta' erbat elef sitt mija u hamsin lira (Lm4650);

Illi s-socjeta' attrici ma kkonsenjatx l-oggetti kollha illi bieghet bl-imsemmi prezz lill-ecipjenti kif fuq inghad u oltre dan x'uhud mill-oggetti li kkonsenjatlu mhumiex tal-kwalita' pattwita;.

Illi b'risultat ta' dan l-ecipjenti sofra danni, kif jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

Illi s-socjeta' attrici hija responsabbli ghal dawn id-danni li sofra l-ecipjenti;.

Ghalhekk il-konvenut Joseph Muscat talab li l-atturi nomine jghidu ghaliex, ghar-ragunijiet premessi, m'ghandux minn din il-Qorti : -

Jigi dikjarat u deciz illi s-socjeta' attrici ma kkonsenjatx lill-ecipjenti l-materjal kollu ghall "one passenger lift knocked down" illi hu xtata minghandha kif fuq inghad u oltre dan x'uhud mill-oggetti li s-socjeta' attrici kkonsenjat lill-ecipjenti mhumiex tal-kwalita' pattwita' u per konsegwenza ta' dan kollu l-ecipjenti sofra danni li ghalihom hija responsabbli s-socjeta' attrici;
.
Jigu likwidati dawn id-danni sofferti mill-ecipjenti, jekk hemm bzonn permezz ta' perti li jigi ghalhekk nominat; u

Jigu l-atturi nomine kkundannati jhallsu lill-ecipjenti s-somma hekk likwidata in linea ta' danni;

Bl-ispejjez u bl-imghax legali kontra l-atturi nomine li gew ingunti ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-konvenut Joseph Muscat annessa mal-kontro-talba debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tieghu;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut Marco Muscat fejn gie eccepit :-

Illi l-ecipjenti mhuwiex responsabbli versu s-socjeta' attrici ghall-obbligu kuntrattwali tal-konvenut Joseph Muscat ghall-hlas ta' l-ammont ta' Lm450. L-ecipjenti la xtara l-oggetti de quo minghand is-socjeta' attrici, la ggarantixxa l-obbligi ta' Joseph Muscat versu s-socjeta' attrici u wisq anqas assuma l-istess obbligi;

Illi subordinatament u minghajr pregudizzju it-talbiet tas-socjeta' attrici kif proposta mhumiex sostenibbli u ghandhom jigu respinti ghaliex jekk jigu milqugha jkun ifisser illi s-socjeta' attrici jkollha dirtt tesigi l-hlas ta' Lm750 minghand il-konvenut Joseph Muscat u l-hlas ta' Lm450 minghand iz-zewg konvenuti l-ohra; l-azzjoni korretta (dejjem jekk is-socjeta' attrici ghandha raguni) kellha tkun li titlob lit-tlett konvenuti jhallsuha solidalment is-somma ta' Lm450 u titlob li l-konvenut Joseph Muscat jigi kkundannat ihallasha l-bilanc ta' Lm300;

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut Marco Muscat debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tieghu;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-atturi nomine ghall-kontro-talba tal-konvenut Joseph Muscat fejn gie eccepit illi d-domanda tal-konvenut rikonvenzjonant huma infondati kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt statne illi l-eccipjent mhu responsabbli ghall-ebda danni fil-konfront tieghu;

Rat id-dikjarazzjoni tal-atturi nomine debitament konfermata bil-guramenbt u l-lista tax-xhieda taghhom;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Rat id-digriet taghha tal-25 ta’ Frar 1997 li bih gie nominat bhala espert tekniku biex jistabilixxi il-prezz tal-oggettili l-konvebnuti qed isostnu li ma gewx konsenjati lill Charles Grech bil-fakoltajiet kollha soliti;

Rat id-digriet taghha tas-27 ta’ April 1998 li bih gie sostitwit il-perit tekniku nominat u minnflok gie appuntat l-AIC David Pace bl-istess fakoltajiet;

Rat id-digriet taghha tal-24 ta’ Mejju 2001 li bih gie sostitwit il-perit tekniku u minflok gie nominat l-AIC Rene’ Buttigieg bl-istess fakoltajiet;

Rat ir-rapport tal-abbli perit tekniku debitament konfermat bil-gurament fil-kors tas-seduta tal-15 ta’ Marzu 2004;

Rat li l-kawza giet differita ghas-sentenza;

Ikkonsidrat:

Fic-citazzjoni l-atturi nomine jippremettu li l-konvenut Joseph Muscat hu debitur taghhom fis-somma ta’ seba mija u hamsin lira (Lm750) bilanc ta’ prezz ta’ materjal ta’ lift mibjugh u kkonsenjat lill-istess konvenut Joseph Muscat. Jippremettu ukoll li ghar-rigward ta’ dan l-obbligu il-konvenuti l-ohra irrilaxxaw cekk datat 17 ta’ Marzu 1991 ghall-ammont ta’ erba mija u hamsin lira (Lm450) bhala pagament akkont. Dan ic-cekk pero’ baqa ma ssarrafx peress li ghar-rigward tieghu sar stop-payment. L-atturi nomine jippretendu li bil-hrug ta’ dan ic-cekk il-konvenuti Marco u Paul Muscat obbligaw ruhhom fil-konfront tal-

atturi nomine ghall-hlas tas-somma ta’ Lm450. Ghalhekk l-atturi nomine qed jitolbu li l-konvenut Joseph Muscat jigi kundannat ihallas is-somma ta’ Lm750 bhala bilanc kif gia indikat. Qed jitolbu ukoll li l-konvenuti Marco u Paul Muscat jigu dikjarati responsabbli insolidum ghall-obbligu kuntrattwali tal-konvenut l-iehor ghall-ammont ta’ Lm450 u b’hekk l-istess konvenuti Marco u Paul Muscat jigu kkundannati ihallsu din l-istess somma lill-atturi nomine;

Il-konvenuti Paul Muscat u Marco Muscat qed jeccepixxu li huma mhux tenuti versu s-socjeta’ attrici ghall-obbligu kuntrattwali tal-konvenut Joseph Muscat u ghall-hlas ta’ l-ammont ta’ Lm450. Huma ma xtrawx l-oggetti de quo u ma ggarantew ebda obbligu ta’ Joseph Muscat u lanqas ma assumew l-istess obbligi. Huma jeccepixxu ukoll li t-talbiet attrici huma impostati hazin u jekk l-istess talbiet jigu milqugha jkun ifisser li s-socjeta’ attrici jkollha dirtt tesigi l-hlas ta’ Lm750 minghand il-konvenut Joseph Muscat u l-hlas ta’ Lm450 minghand iz-zewg konvenuti l-ohra;

Il-konvenut Joseph Muscat jeccepixxi li l-atturi nomine naqsu li jikkonsenjaw xi oggetti ordnati u inoltre x’uhud mill-oggetti kkonsenjati mhumiex tal-kwalita’ pattwita. Jeccepixxi ukoll li t-talbiet attrici huma imposti hazin kif gia gie eccepit mill-konvenuti l-ohra;

Il-konvenut Joseph Muscat ghamel kontro-talba fejn ippremetta li huwa akkwista minghand is-socjeta’ attrici materjal ghal “one passenger lift knocked down”. Is-socjeta’ attrici ma kkonsenjatx l-oggetti kollha u inoltre uhud mill-oggetti li gew konsenjati mhumiex tal-kwalita’ pattwita. Ghalhekk il-konvenut Joseph Muscat qed jippretendi li huwa sofra danni li ghalihom hi responsabbli s-socjeta’ attrici. Ghalhekk il-konvenut Joseph Muscat talab li jigi dikjarat li s-socjeta’ attrici ma kkonsenjatx l-

materjal kollu u inoltre  uhud mill-oggetti ikkonsenjat mhumiex tal-kwalita' pattwita' u bhala konsegwenza huwa sofra danni li ghalihom hija responsabbli s-socjeta' attrici. Talab ukoll li jigu likwidati dawn id-danni u li s-socjeta attrici tigi kundannata thallas id-danni hekk likwidati;

Is-socjeta attrici qed teccepixxi fil-konfront tal-kontro-talba li mhux responsabbli ghall-ebda danni fil-konfront tal-konvenut Joseph Muscat;

Jigi rilevat mill-bidu nett li l-fatt li l-konvenuti Paul u Marco Muscat irrlaxxaw cekk favur is-socjeta attrici bhala pagament akkont tal-ammont kollu dovut mid-debitur Joseph Muscat ma jfissirx li l-istess konvenuti Paul u Marco Muscat assumew xi obbligu lejn is-socjeta attrici. Zgur li lanqas jista jinghad li minhabba li rrilaxxaw l-istess cekk huma obbligaw ruhhom in solidum mad-debitur principali ghal hlas tas-somma indikata fl-istess cekk. Assunzjoni ta' obbligu in solidum trid tirrizulta b'mod nett u car. Fattur li ma jirrizultax f'dawn il-proceduri. L-imsemmija zewg konvenuti semplicement ghamlu pagament u l-fatt li sar stop payment ghar-rigward tal-istess cekk ma jammontax ghal xi assunzjoni ta' xi obbligu versu s-socjeta attrici. Ghalhekk l-ewwel eccezzjoni tal-istess Paul u Marco Muscat ghandha tigi akkolta u b'hekk l-istess zewg konvenuti ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju;

Mill-provi prodotti jirrizulta li l-oggetti in kwestjoni gew konsenjati fis-Suncreek Apart Hotel li issa giet akkwistata minn terzi. Jirrizulta ukoll li s-socjeta attrici kella biss tissupplixxi l-ogetti kif miftiehem. Ma kellix tiehu hsieb l-istallazzjoni tal-lift. Skond il-konvenut Joseph Muscat hafna mill-oggetti ordnati ma gwx konsenjati u uhud minn dawk li gew konsenjati ma kinux tal-kwalita pattwita. L-istess konvenut ikkonferma li biex jispiccah il-lift, huwa kellu jixtri varji partijiet minn ghand terzi;

Fir-rapport tieghu l-Perit Tekniku ikkonstata li s-socjeta attrici mhux qed tichad li d-diverter tal-lift gie ipprovdut bi hbula inqas minn l-erbgha li gew pattwiti fil-ftehim. Inoltre gie konstatat li l-konvenut jippretendi li ma gewx kkonsenjat lilu oltre ghal hbula, position indicator, u movable floor switch waqt li kellu jixtri guides zghar ohrajn minflok dawk lilu pprovvduti li ma kienux tajbin. Il-perit tekniku kkonkluda li in effett l-konvenut naqas li jissostanzja dawn il-pretensjoni tieghu bi provi dokumentarji u provi ohra. Il-perit tekniku ghalhekk hu tal-opinjoni li ma tistax tigi kkunsidrata it-talba ghal danni kif proposta mill-konvenut. Il-perit tekniku kkonkluda ukoll li t-talbiet attrici jimmeritaw li jigu milqugha;

Il-Qorti esaminat bir-reqqa l-imsemmi rapport peritali u taqbel mal-kostatazzjonijiet u mal-konkluzzjonijiet li ghamel u li wasal ghalihom l-abbli perit tekniku. Dawn ghalhekk qed jigu adottati u l-Qorti tghamillhom taghha. Ma jirrizulta xejn li jista jgieghel li isir xi tibdil fl-imsemmija konkluzjonijiet:

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi fl-ewwel lok tilqa l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti Paul Muscat u Marco Muscat u ghalhekk l-istess zewg konvenuti qed jigu liberati mill-osservanza tal-gudizju; billi fit-tieni lok tilqa it-talbiet attrici pero’ biss fil-konfront tal-konvenut Joseph Muscat u tikkundanna lill-istess konvenut Joseph Muscat sabiex ihallas lill-atturi noe s-somma ta’ Lm750 bhala prezz ta’ materjal ta’ lift mibjugh lilu u dana bl-imghaxxijiet kollha legali mid-data tal-konsenja sad-data tal-effettiv pagament u billi fit-tielet lok tichad it-talbiet kif kontenuti fil-kontro-talba tal-konvenut Joseph Muscat;

Spejjez kollha kontra l-konvenut Joseph Muscat ad eccezzjoni tal-ispejjez relattivi ghal konvenuti Paul Muscat u Marco Muscat li ghandhom jithallsu mis-socjeta attrici.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------